MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 92/2004

Kawza fil-lista: 34

**A B**
**Vs**
**C R.Sh.B, u b' digriet tal-24 ta' Dicembru 2004 gew appuntanti l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C R.Sh.B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti ikkontrattaw iz-zwieg fir-registru taz-zwigijiet nhar it-3 ta' Frar 2003, hekk kif jidher mill-estratt tal-Att Taz-Zwieg, hawn anness u mmarkat bhala Dok. KB 1;

U premess illi mill-imsemmi zwieg, il-kontendenti ma' kellhomx tfal;

U premess illi l-kontendenti ilhom separati de facto;

U premess illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom hu vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

U premess illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

U premess illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali jew biza;

U premess illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b' qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

U premess ghalhekk illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi celebrat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Frar 2003 huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi.

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li f' dak l-istadju ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza, izda rriservaw li jipprezentaw nota ta' l-

eccezzjonijiet ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw ma' l-assenti;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kkuntratt minnha ma' l-assenti huwa null fil-ligi stante vizzju tal-kunsens matrimonjali da parti tal-kontendenti fit-termini tal-paragrafi [a][c][d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255. In-naha konvenuta ma prezentatx eccezzjonijiet sostanzjali fil-meritu.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici zzewwget bir-rit civili lill-assenti C B ta' nazzjonalita' Libjana fit-3 ta' Frar 2003 wara gherusija ta' ftit xhur, meta allura hija kienet ghadha kemm ghalqet 18 il-sena u l-assenti kellu 29 sena. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal, stante li qabel iz-zwieg l-assenti kien kategoriku u ghamilha car lill-attrici li huwa ma riedtx tfal minn dan iz-zwieg.

Il-provi nkontestati huma fis-sens li l-assenti ppropona z-zwieg lill-attrici ma' l-ewwel darba li ltaqa' magha u kellu genn biex jizzewwigha. Ghalkemm l-attrici ttratjeniet ghal ftit xhur, dina evenwalment accettat u wara disa' xhur izzewwgu.

Irrizulta li f' dak iz-zmien l-assenti kien qieghed Malta illegalment stante li la kellu permess u lanqas viza; u allura hekk kif izzewweg huwa akkwista l-freedom of movement wara li l-attrici ffirmat d-dokumenti necessarji. Wara ftit xhur ta' zwieg l-assenti telaq u ma tfaccax aktar.

Il-Qorti tosserva li mill-kwadru premess jirrizulta car li l-assenti, ghalkemm esternament ikkuntratta zwieg ma' l-

attrici, internament eskluda b’ att posittiv tal-volonta’tieghu kemm l-obbligi essenzjali fil-hajja matrimonjali, kif ukoll, u b’ mod l-aktar lampanti z-zwieg fih innifsu. Il-provi juru b’ mod inkonfutabbli li l-uniku skop u intenzjoni li kellu l-attur meta ta l-kunsens matrimonjali tieghu kien li jakkwista l-liberta’ ta’ moviment f’ Malta, u certament ma kellu ebda hsieb li jghix il-hajja matrimonjali ma’ l-attrici. Dan jintegra l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu precitati.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u ssib sostenn fil-provi u fil-ligi, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat minnha ma’ l-assenti fit-3 ta’ Frar 2003.

L-ispejjez ikunu a kariku ta’ l-assenti, pero’ dawk relattivi ghall-kuraturi deputati jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------